



Brussell, 30 ta' Mejju 2022
(OR. en, fr)

9236/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0036(COD)**

**MAR 114
OMI 67
CODEC 726**

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8916/22	
Nru dok. Cion: 6405/22 + ADD 1	
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/25/KE fir-rigward tal-inklużjoni ta' rekwiżiti mtejbja tal-istabbiltà u l-allinjament tagħha mar-rekwiżiti tal-istabbiltà definiti mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali – Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-18 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
2. Il-proposta tikkonċerna modifika tad-Direttiva Nru 2003/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003 dwar ħtiġiet speċifiċi ta' stabbiltà għall-vapuri tal-passiġġieri ro-ro¹.
3. Id-Direttiva 2003/25/KE tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-istabbiltà għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri f'kundizzjoni ta' ħsara għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri kollha li joperaw lejn jew minn port ta' Stat Membru fuq servizz regolari, irrISPettivament mill-bandiera tagħhom, meta jkunu involuti fi vjaġġi internazzjonali. Din għandha l-għan li tiżgura l-istabbiltà tagħhom wara ħsara, u xi jtejjeb is-sopravivenza ta' dan it-tip ta' bastimenti f'każ ta' ħsara minn kolliżjoni.

¹ ĠU L 123, 17.5.2003, p. 22.

4. L-objettivi speċifiċi tar-reviżjoni tagħha huma li:

- tiġi żgurata l-konsistenza sa fejn ikun prattikabbli mal-istandards internazzjonali aġġornati reċentement dwar l-istabbiltà danneġġata kif adottati mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) għall-vapuri tal-passiġġieri;
- jitnaqqsu l-kumplessità kif ukoll il-piż tekniku u amministrattiv li jirriżultaw primarjament minn żewġ reġimi differenti għall-evalwazzjoni tas-sopravivenza tal-vapuri ro-ro tal-passiġġieri f'kundizzjoni ta' ħsara;
- titneħħa, fejn possibbli, l-ambigwiżà fid-definizzjonijiet u r-rekwiżiti, fid-dawl tad-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri², kif emendata; u
- jiġu eliminati d-dispożizzjonijiet antikwati li jikkonċernaw l-istrumenti internazzjonali li ma għadhomx rilevanti jew fis-seħħ.

5. Il-proposta ġiet adottata fil-qafas tal-Programm tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) u l-aġenda ta' Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni u bħala segwitu immedjat għall-kontroll tal-idoneità fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sigurtà tal-vapuri tal-passiġġieri³. Din mhix akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt komprensiva.

² ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1.

³ 13230/15.

II. EŻAMI MILL-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA

6. Fl-1 ta' April 2022, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament Ewropew (TRAN) ħatar lis-Sur Roberts Zile (ECR, Latvja) bħala rapporteur.
7. Fit-18 ta' Mejju 2022, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta⁴.

III. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

8. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu eżamina l-proposta f'diversi laqgħat li bdew f'Marzu 2022. Id-delegazzjonijiet kollha esprimew l-appoġġ ġenerali tagħhom għall-oġġettivi tal-proposta tal-Kummissjoni, bil-ħsieb li jżied il-livell ta' sigurtà tal-vapuri ro-ro tal-passiġġieri.
9. Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Mejju, il-Grupp ta' Ħidma qabel dwar it-test li jinsab fl-Anness.
10. Fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Mejju, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil tal-Grupp ta' Ħidma u rrakkomanda li l-Kunsill jilħaq approċċ ġenerali fil-Kunsill TTE (Trasport) fit-2 ta' Ġunju 2022.
11. L-emendi proposti għall-proposta tal-Kummissjoni huma limitati. Hemm erba' bidliet ta' sustanza li għandhom jiġu nnotati.
12. L-ewwel nett, il-punt (c) tal-Artikolu 6(4) jitħassar. Tabilħaqq, id-dispożizzjoni hija żejda jekk jitqiesu l-alternattivi stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-istess paragrafu.
13. It-tieni nett, l-iskadenza għat-traspożizzjoni proposta mill-Kummissjoni (sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendatorja) tiġi estiża għal 24 xahar.

⁴ 9327/22 + COR 1.

14. It-tielet, sabiex ma jiġix impost piż amministrattiv sproporzjonat fuq l-Istati Membri mingħajr kosta, l-Istati Membri li ma għandhomx portijiet marittimi u li jew għalqu r-reġistru nazzjonali tal-vapuri tagħhom jew ma għandhomx vapuri tal-passiġġieri li jtajru l-bandiera tagħhom li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (l-Artikolu 2a u l-Premessa 9a). Dan ifisser li dment li daww il-kondizzjonijiet ikunu sodisfatti, dawn l-Istati Membri mhumienx obbligati jittrasponu d-Direttiva.
15. L-aħħar nett, il-premessa 7a - tiżdied biex jiġi ssottolinjat li l-Istati tal-port għandhom jikkooperaw kemm jista' jkun sabiex jistabbilixxu l-lista taż-żoni tal-ibħra msemmija fl-Artikolu 5(1), b'kont meħud tas-sovranità tal-Istati fuq iż-żoni tal-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom u l-prinċipji ġenerali tad-dritt marittimu.
16. F'dan l-istadju tal-proċedura, il-Kummissjoni żżomm riżerva proċedurali dwar l-emendi kollha għall-proposta tagħha.

IV. KONKLUŻJONI

17. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jilħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/25/KE fir-rigward tal-inklużjoni ta' rekwiżiti mtejba tal-istabbiltà u l-allinjament tagħha mar-rekwiżiti tal-istabbiltà definiti mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, abbażi tal-kompromess stabbilit fl-Anness għal dan ir-rapport.

2022/0036 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2003/25/KE fir-rigward tal-inklużjoni ta' rekwiżiti mtejba tal-istabbiltà u l-allinjament ta' dik id-Direttiva mar-rekwiżiti tal-istabbiltà ddefiniti mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁶,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2003/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ tistabbilixxi livell uniformi ta' rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri li jtejbu l-kapaċità ta' sopravivenza ta' dan it-tip ta' bastiment f'każ ta' ħsara f'kolliżjoni u li jipprovdu livell għoli ta' sikurezza għall-passiġġieri u l-ekwipaġġ flimkien mar-rekwiżiti li jinsabu fil-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (il-"Konvenzjoni SOLAS") fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva ("SOLAS 90").

⁵ Opinjoni tat-18 ta' Mejju 2022 (*għadha mhix ippubblikata fil-ĠU*).

⁶ ĠU C , , p. .

⁷Direttiva 2003/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003 dwar rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri (ĠU L 123, 17.5.2003, p. 22).

- (2) Fil-15 ta' Ġunju 2017, l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ("OMI") adottat ir-Risoluzzjoni MSC.421(98) li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi riveduti dwar ir-rekwiżiti tal-istabbiltà għall-vapuri tal-passiġġieri bil-ħsara, li japplikaw ukoll għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri. Huwa meħtieġ li daww l-iżviluppi jitqiesu fuq livell internazzjonali u li r-regoli u r-rekwiżiti tal-Unjoni jiġu allinjati ma' daww stabbiliti fil-Konvenzjoni SOLAS għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri involuti fi vjaġġi internazzjonali.
- (3) Ir-Risoluzzjoni 14 tal-OMI tal-Konferenza tas-SOLAS tal-1995 ippermettiet lill-membri tal-OMI jikkonkludu ftehimiet reġjonali jekk jikkunsidraw li l-kundizzjonijiet prevalenti tal-baħar u kundizzjonijiet lokali oħra jirrikjedu rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà f'żona magħżula.
- (3a) Ir-rekwiżiti deterministiċi tal-istabbiltà wara l-ħsara applikabbli għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri li jinsabu fl-Anness I tad-Direttiva 2003/25/KE jvarjaw mir-rekwiżiti internazzjonali probabilistiċi l-ġodda, fejn is-sikurezza ta' vapur ro-ro tal-passiġġieri titkejjel abbażi tal-probabbiltà ta' sopravivenza wara kolliżjoni. Ir-reġim internazzjonali probabilistiku huwa deskritt fil-Kapitolu II-1 tal-Konvenzjoni SOLAS. Ir-rekwiżiti l-ġodda jenħtieġ li jiġu inkorporati fid-Direttiva 2003/25.
- (4) Ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ jibqgħu applikabbli għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri. Il-valutazzjoni tal-livell ta' sikurezza żgurat mir-rekwiżiti ta' SOLAS 2020, għal daqsijiet differenti ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri, wasslet għall-konklużjoni li l-applikazzjoni ta' dawn r-rekwiżiti tal-istabbiltà tirriżulta fi tnaqqis sinifikanti tar-riskju għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri ċċertifikati li jgħorru aktar minn 1350 persuna abbord, meta mqabbel mal-livell ta' sikurezza żgurat mir-rekwiżiti li jinsabu fid-Direttiva 2003/25/KE flimkien mal-Konvenzjoni SOLAS kif emendata minn SOLAS 90.
- (5) Ir-rekwiżiti tal-istabbiltà, stabbiliti f'din id-Direttiva għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri ċċertifikati sabiex iġorru 1 350 persuna jew anqas abbord ikunu diffiċli li jiġu implimentati għal ċerti disinji ta' daww il-vapuri. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi li jkunu s-sidien ta' daww il-vapuri f'servizz regolari fl-Unjoni jew li jużawhom jenħtieġ li jkollhom l-opzjoni li japplikaw ir-rekwiżiti tal-istabbiltà applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. L-użu ta' tali opzjoni jenħtieġ li jiġi nnotifikat mill-Istati Membri lill-Kummissjoni flimkien ma' sett ta' data b'rabta mal-vapuri kkonċernati. Għaxar snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-użu tal-opzjoni sabiex tiddeċiedi dwar reviżjoni ulterjuri ta' din id-Direttiva.
- (6) Għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri ċċertifikati sabiex iġorru 1 350 persuna jew anqas abbord, l-applikazzjoni fakultattiva tar-rekwiżiti ta' SOLAS 2020 jenħtieġ li tkun kondizzjonali għal livell oġġla tal-indiċi-R minn dak definit f'SOLAS 2020 sabiex jinkiseb il-livell xieraq ta' sikurezza.
- (7) Sabiex jiġi żgurat il-livell meħtieġ ta' sikurezza, ir-rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà wara l-ħsara jenħtieġ li japplikaw ukoll għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri eżistenti li qatt ma jkunu ġew iċċertifikati skont id-Direttiva 2003/25/KE u li jkunu qegħdin jidħlu f'servizz regolari fl-Unjoni.
- (7a) L-Istati tal-port għandhom jikkooperaw kemm jista' jkun sabiex jistabbilixxu l-lista taż-żoni tal-ibħra msemmija f'din id-Direttiva, b'kont meħud tas-sovranità tal-Istati fuq iż-żoni tal-ibħra taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom u l-prinċipji ġenerali tad-dritt marittimu.

⁸ Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).

- (8) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tevalwa u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva sa *[OP : Jekk jogħġbok daħħal data: għaxar snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]*, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu d-data dwar kull vapur ro-ro tal-passiġġieri ġdid li jiġi ċċertifikat wara *[OP: Jekk jogħġbok daħħal data: 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]* biex iġorru 1 350 persuna jew inqas abbord għal servizz regolari f'konformità mar-rekwiżiti tal-istabbiltà li jinsabu f'din id-Direttiva. Din id-data jenħtieġ li tingħata skont l-istruttura stabbilita fl-Anness. Din id-data ser tkun disponibbli għall-vapuri tal-passiġġieri ġodda kollha, peress li huma mitluba jikkonformaw mar-rekwiżiti probabilistiċi tal-istabbiltà kif previsti mis-SOLAS 2020.
- (9) Billi d-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ ġiet emendata, u d-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE¹⁰ tħassret bid-Direttiva (UE) 2017/2110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, il-kunċett tal-"Istat Ospitanti" ma għadux rilevanti u għalhekk jenħtieġ li jiġi ssostitwit b'dak tal-"Istat tal-Port".
- (9a) Sabiex ma jiġix impost piż amministrattiv sproporzjonat fuq Stati Membri mingħajr kosta li ma jkollhomx portijiet marittimi u li ma jkollhom l-ebda vapur itajjar il-bandiera tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, dawn l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Dan ifisser li sakemm dawk il-kundizzjonijiet ikunu sodisfatti, mhumiex obbligati jittrasponu din id-Direttiva.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2003/25/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

⁹ Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

¹⁰ Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE tad-29 ta' April 1999 dwar sistema ta' sħarriġ obbligatorju għall-operazzjoni bla periklu ta' vapuri ro-ro regolari u servizzi tal-inġenji ta' veloċità kbira għall-passiġġieri (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 1).

¹¹ Direttiva (UE) 2017/2110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 dwar sistema ta' spezzjonijiet għall-operazzjoni bla periklu ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE (ĠU L 315, 30.11.2017, p.61).

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2003/25/KE

Id-Direttiva 2003/25/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(b) 'vapur ro-ro tal-passiġġieri eżistenti' tfisser vapur ro-ro tal-passiġġieri li l-prim tiegħu jkun tqiegħed jew li jkun fi stadju simili ta' kostruzzjoni qabel *[OP, jekk jogħġbok daħħal id-data: 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]*; stadju simili tal-bini tfisser l-istadju li fih:

- (i) il-kostruzzjoni identifikabbli ma' vapur speċifiku tkun tibda; kif ukoll
- (ii) l-assemblaġġ ta' dak il-vapur ikun beda u jinkludi mill-inqas 50 tunnellata jew 1 % tal-istima tal-massa tal-materjal strutturali, skont liema minnhom tkun l-inqas;

(c) 'vapur ro-ro tal-passiġġieri ġdid' tfisser vapur ro-ro tal-passiġġieri li mhuwiex vapur eżistenti;”;

(b) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) 'Konvenzjoni SOLAS' tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar tal-1974 u l-emendi għaliha fis-seħħ;”;

(c) jiddaħħlu l-punti (ea), (eb) u (ec) li ġejjin:

“(ea) 'SOLAS 90' tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar tal-1974, kif emendata bl-istrumenti tal-OMI li ġejjin:

- Res.MSC.1(45);
- Res.MSC.6(48);
- Res.MSC.11(55);
- Res.MSC.13(57);
- Res.MSC.19(58);
- Res.MSC.26(60);
- Res.MSC.24(60);
- Res.MSC.27(61);
- Res.MSC.31(63);
- SOLAS/CONF.2/21;

- Res.MSC.42(64);
- Res.MSC.46(65);
- Res.MSC.57(67);
- Res.MSC.65(68);
- SOLAS/CONF.4/25;
- Res.MSC.69(69);
- Res.MSC.99(73);
- Res.MSC.117(74);

(eb) 'SOLAS 2009' tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar tal-1974 kif emendata bir-Riżoluzzjoni MSC.216(82);

(ec) 'SOLAS 2020' tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar tal-1974 kif emendata bir-Riżoluzzjoni MSC.421(98);

(d) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(f) 'servizz regolari' tfisser serje ta' vjaġġi ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri operati sabiex jaqdu l-bżonnijiet tat-traffiku bejn l-istess żewġ portijiet jew aktar, jew serje ta' vjaġġi minn u sal-istess port mingħajr waqfiet intermedji, jew:

- (i) skont skeda ippubblikata; jew
- (ii) bi vjaġġi tant regolari jew ta' spiss li jikkostitwixxu serje sistematika li tista' tingħaraf;”;

(e) il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(i) 'Stat tal-Port; tfisser Stat Membru li vapur ro-ro tal-passiġġieri jkun involut f'servizz regolari lejn jew mill-portijiet tiegħu;”;

(f) il-punt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(k) 'rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà' tfisser ir-rekwiżiti tal-istabbiltà msemmija fl-Artikolu 6;”;

(g) jiżdied il-punt (n) li ġej:

“(n) 'operatur' tfisser l-entità ġuridika jew il-persuna fiżika li assumiet ir-responsabbiltà għall-operat tal-vapur”;

- (2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Kull Stat Membru, fil-kapaċità tiegħu ta' Stat tal-Port, għandu jiżgura li l-vapuri ro-ro tal-passiġġieri, li jtajru l-bandiera ta' Stat li mhuwiex Stat Membru, jikkonformaw għalkollox mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva qabel ma jagħmlu vjaġġi minn jew lejn il-portijiet ta' dak l-Istat Membru f'konformità mad-Direttiva 2017/2110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹².";

- (3) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 4

Għoli sinifikanti tal-mewġ

L-għoli sinifikanti tal-mewġ (hs) għandu jintuża sabiex jiġi stabbilit l-għoli tal-ilma fuq il-gverta tal-karozzi meta jiġu applikati r-rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà li jinsabu fit-Taqsima A tal-Anness I. Iċ-ċifri tal-għoli sinifikanti tal-mewġ għandhom ikunu dawk li ma jinqabżux bi probabbiltà ta' aktar minn 10 % fuq bażi annwali.";

- (4) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati tal-Port għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata lista taż-żoni tal-ibħra li jgħaddu minnhom vapuri ro-ro tal-passiġġieri li joperaw f'servizz regolari lejn u mill-portijiet tagħhom kif ukoll il-valuri korrispondenti tal-għoli sinifikanti tal-mewġ f'dawn iż-żoni.";

- (b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-lista għandha tiġi ppubblikata f'bażi tad-data pubblika disponibbli fuq sit web tal-awtorità marittima kompetenti. Il-post ta' tali informazzjoni kif ukoll kwalunkwe aġġornament fil-lista u r-raġunijiet għal tali aġġornamenti għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni.";

¹² Direttiva (UE) 2017/2110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 dwar sistema ta' spezzjonijiet għall-operazzjoni bla periklu ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE (ĠU L 315, 30.11.2017, p.61).

- (5) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 6

Rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà

1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/45/KE, vapuri ro-ro tal-passiġġieri ġodda ċċertifikati biex iġorru aktar minn 1 350 persuna abbord għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà stabbiliti fil-Parti B tal-Kapitolu II-1 ta' SOLAS 2020.
2. Fuq l-għażla tal-operatur, il-vapuri ro-ro tal-passiġġieri ġodda ċċertifikati sabiex iġorru 1 350 persuna jew anqas abbord għandhom jikkonformaw:
 - (a) mar-rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà, stabbiliti fit-Taqsima A tal-Anness I ta' din id-Direttiva, jew
 - (b) mar-rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà, stabbiliti fit-Taqsima B tal-Anness I ta' din id-Direttiva.

Għal kull vapur bħal dan, l-amministrazzjoni tal-Istat tal-Bandiera għandha tinnotifika lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn mid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 8 dwar l-għażla magħmula rigward l-opzjoni msemmija fil-punti a jew b tal-ewwel subparagrafu u għandha tinkludi f'din in-notifika d-dettalji msemmija fl-Anness III.

3. Meta jkunu qegħdin japplikaw ir-rekwiżiti li jinsabu fit-Taqsima A tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jużaw il-linji gwida li jinsabu fl-Anness II, sa fejn u sakemm dan ikun prattikabbli u kompatibbli mad-disinn tal-vapur inkwistjoni.
4. Fuq l-għażla tal-operatur, il-vapuri ro-ro tal-passiġġieri eżistenti ċċertifikati biex iġorru aktar minn 1350 persuna abbord, introdotti fl-operazzjoni ta' servizz regolari lejn jew minn port ta' Stat Membru wara *[OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data: 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]* li qatt ma ġew iċċertifikati skont din id-Direttiva, għandhom jikkonformaw ma':
 - (a) ir-rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà, stabbiliti fil-Parti B tal-Kapitolu II-1 tas-SOLAS 2020; jew
 - (b) ir-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fit-Taqsima A tal-Anness I ta' din id-Direttiva, flimkien ma' daww stabbiliti fil-Parti B tal-Kapitolu II-1 tas-SOLAS 2009.

L-istandard applikat għandu jitniżżel fiċ-ċertifikat tal-vapur meħtieġ skont l-Artikolu 8.

5. Fuq l-għażla tal-operatur, il-vapuri ro-ro tal-passiġġieri eżistenti ċertifikati sabiex iġorru 1 350 persuna jew inqas abbord, introdotti għall-operat ta' servizz regolari lejn jew minn port ta' Stat Membru wara *[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva Emendatorja]* li qatt ma kienu ċertifikati skont din id-Direttiva, għandhom jikkonformaw:

- (a) mar-rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà, stabbiliti fit-Taqsima A tal-Anness I ta' din id-Direttiva, jew
- (b) mar-rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà, stabbiliti fit-Taqsima B tal-Anness I ta' din id-Direttiva.
- (c) [...]

Ir-rekwiżiti ta' stabbiltà applikati għandhom jitniżżlu fiċ-ċertifikat tal-vapur imsemmi fl-Artikolu 8.

6. Vapuri ro-ro tal-passiġġieri eżistenti li kienu involuti f'operat ta' servizz regolari lejn jew minn port ta' Stat Membru minn *[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva Emendatorja]* għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà, stabbiliti fl-Anness I kif kien qabel id-dħul fis-seħħ ta' *[OP: jekk jogħġbok daħħal l-isem sħiħ ta' din id-Direttiva Emendatorja]*.";

(6) L-Artikolu 7 jiġihassar.

(7) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

Ċertifikati

1. Il-vapuri ro-ro tal-passiġġieri ġodda jew eżistenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru għandhom iġorru ċertifikat li jikkonferma l-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà msemmija fl-Artikolu 6.

Iċ-ċertifikati għandhom jinħarġu mill-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera u jistgħu jiġu kkombinati ma' ċertifikati relatati oħra. Għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri li jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà kkodifikati fit-Taqsima A tal-Anness I, iċ-ċertifikat għandu jindika l-ġholi sinifikanti tal-mewġ sa fejn il-vapur jista' jissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà.

Iċ-ċertifikat għandu jibqa' validu sakemm il-vapur ro-ro tal-passiġġieri jdum jopera f'żona bl-istess valur tal-ġholi sinifikanti tal-mewġ jew b'valur iżjed baxx.

2. Kull Stat Membru li jaġixxi fil-kapaċità tiegħu bħala Stat tal-Port għandu jirrikonoxxi ċ-ċertifikati maħruġa minn Stat Membru ieħor f'konformità ma' din id-Direttiva.

3. Kull Stat Membru li jaġixxi fil-kapaċità tiegħu ta' Stat tal-Port għandu jaċċetta ċ-ċertifikati maħruġa minn pajjiż terz li jiċċertifika li vapur ro-ro tal-passiġġieri jikkonforma mar-rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà stabbiliti f'din id-Direttiva. ";

(8) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 9

Operati staġunali u għal żmien qasir

1. Jekk kumpanija tat-trasport bil-baħar li topera servizz regolari matul is-sena kollha tixtieq iddaħħal vapuri ro-ro tal-passiġġieri addizzjonali sabiex joperaw għal perjodu iqsar taż-żmien fuq dak is-servizz, hija għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat jew l-Istati tal-Port mhux aktar tard minn xahar qabel il-vapuri msemija joperaw fuq dak is-servizz.
2. Madankollu, f'każijiet fejn, wara ċirkostanzi mhux previsti, vapur ro-ro tal-passiġġieri ta' sostituzzjoni jrid jiġi introdott malajr sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz, minflok ir-rekwiżit ta' notifika tal-paragrafu 1, għandhom japplikaw l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva (UE) 2017/2110 u l-Anness XVII, punt 1.3, tad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³.
3. Jekk kumpanija tat-trasport bil-baħar tixtieq topera skont l-istaġun servizz regolari għal perjodu iqsar taż-żmien li ma jaqbiżx is-sitt xhur, hija għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat jew tal-Istati tal-Port mhux aktar tard minn tliet xhur qabel ma tibda topera dan is-servizz.
4. Għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri li jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi fl-Anness I, Taqsima A, kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, meta jsir tali operat taħt kundizzjonijiet ta' għoli sinifikanti tal-mewġ li jkunu inqas minn dawk stabbiliti għall-istess żona tal-ibħra għall-operat ta' matul is-sena kollha, il-valur tal-għoli sinifikanti tal-mewġ applikabbli għal dan il-perjodu iqsar ta' żmien jista' jintuża mill-awtorità kompetenti sabiex jiġi stabbilit l-għoli tal-ilma fuq il-gverta meta jiġu applikati r-rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà li jinsabu fl-Anness I, Taqsima A. Il-valur tal-għoli sinifikanti tal-mewġ applikabbli għal dan il-perjodu iqsar ta' żmien għandu jinftehem bejn l-Istati Membri jew, fejn applikabbli u possibbli, bejn Istati Membri u l-pajjiżi terzi fiż-żewġ itruf tar-rotta.
5. Wara l-qbil tal-awtorità kompetenti tal-Istat jew tal-Istati tal-Port għall-operat skont it-tifsira tal-paragrafi 1 u 3, il-vapur ro-ro tal-passiġġieri li jagħmel tali operat għandu jkun meħtieġ iġorr ċertifikat li jikkonferma l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, kif previst fl-Artikolu 8(1).";

¹³ Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

- (9) Jiddaħħal l-Artikolu 13a li ġej:

“Artikolu 13a

Rieżami

Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tippreżenta r-risultati tal-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa *[OP: Jekk jogħġbok daħħal data: 10 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva Emendatorja]*. L-informazzjoni bbażata fuq in-notifiki msemmija fl-Artikolu 6(2) għandha tkun disponibbli f'forma anonimizzata.";

- (10) L-Annessi I u II tad-Direttiva 2003/25/KE huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' din id-Direttiva;
- (11) It-test stabbilit fl-Anness II ta' din id-Direttiva jiżdied bħala l-Anness III tad-Direttiva 2003/25/KE.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa *[OP: Jekk jogħġbok daħħal data: 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]* il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 2a

Deroga

Stat Membru li m'għandux portijiet marittimi fit-territorju tiegħu u li jew għalaq ir-reġistru nazzjonali tal-vapuri tiegħu jew ma għandux bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jista' jidderoga mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dment li r-rekwiżiti msemmija hawn fuq jiġu sodisfatti. Kwalunkwe Stat Membru li jkollu l-intenzjoni li jibbenefika minn dik id-deroga għandu jinnotifika lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn [data li għad trid tiġi ddefinita]. Kwalunkwe bidla sussegwenti għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

1. L-Anness I huwa emendat kif ġej:

- (a) Wara t-titolu, jiddaħħal dan li ġej:
 - “Taqsim A”
- (b) Tiddaħħal is-sentenza introduttorja li ġejja:
 - “Għall-finijiet ta’ din it-Taqsim A, ir-referenzi għar-regolamenti tal-Konvenzjoni SOLAS għandhom jinftehm bħala referenzi għal dawk ir-regolamenti kif kienu japplikaw skont is-SOLAS 90.”
- (c) Il-punt 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:
 - "1. “1. Minbarra r-rekwiżiti tar-Regolament II-1/B/8 tal-Konvenzjoni SOLAS relatati mas-subdiviżjoni impermeabbli u l-istabbiltà f’kundizzjoni ta’ ħsara, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta’ din it-taqsim.”;
- (d) Il-punt 3.1 huwa sostitwit b’dan li ġej:
 - "3.1. Għall-vapuri, li għandhom jiġu operati biss għal staġun iqsar kif imsemmi fl-Artikolu 9, l-Istati tal-Port inklużi fir-rotta għandhom jaqblu dwar l-għoli sinifikanti tal-mewġ applikabbli.”;
- (e) Tiddaħħal it-Taqsim B li ġejja:

“Taqsim B

Għandu jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-Parti B tal-Kapitolu II-1 ta’ SOLAS 2020. Madankollu, permezz ta’ deroga mir-Regolament II-1/B/6.2.3 ta’ SOLAS 2020, l-indiċi R tas-subdiviżjoni meħtieġ għandu jiġi ddeterminat kif ġej:

Persuni abbord (N)	Indiċi tas-Subdiviżjoni (R)
$N < 1000$	$R = 0,000088 * N + 0,7488$
$1000 \leq N \leq 1350$	$R = 0.0369 * \ln (N + 89.048) + 0.579$

Fejn:

- N = l-għadd totali ta’ persuni abbord.”

2. L-Anness II huwa emendat kif ġej:

Il-paragrafu introduttorju f'“Applikazzjoni” huwa sostitwit b'dan li ġej:

"F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(3) ta' din id-Direttiva, dawn il-linji gwida għandhom jintużaw mill-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà, stabbiliti fl-Anness I, Taqsima A, sa fejn dan ikun prattikabbli u kompatibbli mad-disinn tal-vapur inkwistjoni. In-numri tal-paragrafu li jidhru hawn taħt jikkorrispondu għal dawk fl-Anness I, Taqsima A."

ANNEX II

"ANNEX III – DETTALJI TAN-NOTIFIKA

Id-data li għandha tiġi nnotifikata f'konformità mal-Artikolu 6(2):

Data ġenerali

- (1) Rekwiżiti speċifiċi tal-istabbiltà: Taqsima A jew Taqsima B tal-Anness I
- (2) Numru ta' identifikazzjoni tal-vapur (Numru tal-OMI, Sinjal tas-sejħa)
- (3) Detallji ewlenin
- (4) Pjan tal-Arranġament Ġenerali
- (5) Għadd ta' persuni abbord
- (6) GT
- (7) Il-vapur mitmum darbtejn: Iva/Le
- (8) Il-vapur għandu stivi twal aktar baxxi: Iva/Le

II. Data speċifika – għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri soġġetti għar-rekwiżiti probabilistiċi tas-SOLAS

- (9) dl, dp, ds;
- (10) R — l-indiċi meħtieġ;
- (11) pjan tat-tqassim (pjan tal-integrità tal-impermeabbiltà) għas-subkompartimenti bil-punti tal-ftuħ interni u esterni kollha inklużi s-subkompartimenti konnessi tagħhom, u d-dettalji użati fil-kejl tal-ispazji, bħall-pjan tal-arranġament ġenerali u l-pjan tat-tank. Il-limiti tas-subdiviżjoni, lonġitudinali, trażversali u vertikali, iridu jiġu inklużi¹⁴;
- (12) indiċi A tas-subdiviżjoni miksub b'tabella sommarja għall-kontribuzzjonijiet kollha għaż-żoni danneġġati kollha¹⁵ b'kolonna separata bl-indiċi tas-subdiviżjoni li jista' jinkiseb ($w \cdot p \cdot v$);
- (13) għal każijiet ta' ħsara fiż-Żoni 1 u 2, il-perċentwal ta' każijiet ta' ħsara li ma ġewx investigati (jiġifieri każijiet mhux inklużi fil-fattur ($w \cdot p \cdot v$)), fejn $s = 0$, $s = 1$ u $0 < s < 1$;

¹⁴ Din id-dokumentazzjoni għandha tintbagħat lill-Amministrazzjonijiet skont il-punt 2.2 tal-Appendiċi tar-Riżoluzzjoni MSC.429(98) tal-OMI.

¹⁵ Din id-dokumentazzjoni għandha tintbagħat lill-Amministrazzjonijiet skont il-punt 2.3.1 tal-Appendiċi tar-Riżoluzzjoni MSC.429(98) tal-OMI.

- (14) għal każijiet ta' ħsara fiż-Żoni 1 u 2, il-perċentwal ta' każijiet ta' ħsara li jinvolvu spazji ro-ro li ma ġewx investigati (jiġifieri każijiet mhux inklużi fil-fattur ($w \cdot p \cdot v$)), fejn $s = 0$, $s = 1$ u $0 < s < 1$;
- (15) għal kull ħsara li tikkontribwixxi għall-indiċi A tas-subdiviżjoni miksub, l-identifikazzjoni tal-ispażji mgħarrqa, il-valur tal-kontribuzzjoni u l-fattur " s "¹⁶;
- (16) dettalji ta' ħsarat mhux ta' kontribuzzjoni ($s = 0$ u $p > 0$) għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri mgħammra bi stiva twila aktar baxxa, inkluż id-dettalji kollha tal-fatturi kkalkulati¹⁷.

III. Data speċifika – għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri li japplikaw l-Anness I, Taqsima A

– Metodu ta' konformità:

- Testijiet fuq Mudelli
- Kalkoli

Jekk jogħġbok indika jekk il-kalkoli tal-ilma fuq il-gverta ġewx evitati minħabba, pereżempju, li l-freeboard residwu jkun ogħla minn 2,0 m fil-każijiet kollha ta' ħsara: Iva/Le

Għoli sinifikanti tal-mewġ skont id-Direttiva 2003/25/KE.”

¹⁶ Din id-dokumentazzjoni għandha tintbagħat lill-Amministrazzjonijiet skont il-punt 2.3.1 tal-Appendiċi tar-Riżoluzzjoni MSC.429(98) tal-OMI.

¹⁷ Din id-dokumentazzjoni għandha tintbagħat lill-Amministrazzjonijiet skont il-punt 2.3.1 tal-Appendiċi tar-Riżoluzzjoni MSC.429(98) tal-OMI.